**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 55 – 13 ta' Novembru 2018**

***Minuti tat-55 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-13 ta' Novembru, 2018 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 55. Il-laqgha bdiet fil-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

55.1 Tender: '*Demolition of Existing Building, Retaining Facade (alterations to same facade), Construction and Finishing of Local Council Offices and Day Centre in an Environmentally Friendly Manner'*

Il-laqgha bdiet fis-6:00pm  billi fi stadju ta' kumitat gie spjegat il-BOQ li gie nkluz fl-unika offerta li ntefghet minn Bava Ltd. Prezenti ghal-laqgha kien hemm il-Perit Charles Buhagiar li spjega x'intalab fil-BOQ u spjega x'inkiteb fir-rapport bir-rakomandazzjonijiet. Il-Perit Buhagiar spjega li kien hemm differenza bejn it-total tal-*individual sheets* tal-BOQ u s-Summary Sheet tat-Tender. Dan minhabba li:

- l-ispejjez tal-lift fl-*individual sheets* qeghdin imnizzlin Eur32,900 filwaqt li fis-summary sheet huwa mnizzel Eur90,090.
- l-ispejjez hekk imsejha bhala preliminaries qeghdin maghduda fit-total bhala Eur28,000 meta aktar ' il fuq imnezzlin bhala Eur14,000

Fuq proposta tas-Sindku Sarah Agius Saliba u l-Vici-Sindku Alfred Grixti, gie maqbul unanimament li jigi maghzul il-kuntrattur BAVA Holdings ghal dawn ix-xoghlijiet, bir-riserva li jigu kkjarifikati d-diskrepanzi bejn is-summary sheet tat-tender u l-individual sheets tal-BOQ.

Is-Segretarju Ezekuttiv saqsiet lill-Perit dwar il-gibja li tinsab taht il-binja. Il-Perit Buhagiar qal li sabiex il-Kunsill ma jindahalx fi spejjez, ser jinbnew hitan fuq il-pedamenti ezistenti, u li waqt il-bini jsiru t-testijiet neccessarji sabiex jaraw il-kundizzjoni tal-pedamenti.

---------

Is-Segretarju Ezekuttiv gabet ghall-attenzjoni wkoll dokument mibghut mill-Arbitragg dwar il-kaz li nfetah minn Bonnici Bros. u li issa wasal fil-fazi konklussiva tieghu, fejn l-Arbitragg talab li jsir hlas ta Eur13,797 sabiex tinghata d-decizjoni mill-arbitragg dwar dan il-kaz. Is-Sindku

resqet il-proposta li dan il-pagament isir. Hija giet sekondata mill-Vici Sindku Alfred Grixti. Kien hemm qbil unanimu li l-pagament isir.

---------

Is-Sindku Sarah Agius Saliba proponiet li sabiex ikunu jistghu jithallsu l-10% depositu fuq it-toroq rurali li ser isiru mill-Fondi tal-Ewropa, jsir uzu mill-fond tal-MJCL. Il-Vici Sindku Alfred Grixti ssekondha u kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha spiccat fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

,